



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 88/22**  
il-Lussemburgu, 19 ta' Mejju 2022

Sentenza fil-Kawża C-33/21  
INAIL u INPS

**Il-persunal tat-titjir ta' Ryanair li ma huwiex kopert minn ġertifikati E101 li jaħdem 45 minuta kuljum fil-post ta' din il-kumpanija tal-ajru maħsub biex jakkomoda l-ekwipaġġ li jinsab fl-ajrūport ta' Bergamo u li, għall-kumplament tal-ħinijiet tax-xogħol, jinsab abbord ajruplani tal-imsemmija kumpanija tal-ajru huwa suġġett għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali Taljana**

Wara spezzjoni, l-Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS) qies li I-219-il impiegat ta' Ryanair, assenjati lill-ajrūport ta' Orio al Serio f'Bergamo (I-Italja), kienu jeżerċitaw attivitā bħala persuni impiegati fit-territorju Taljan u kellhom, skont id-dritt Taljan u r-Regolament Nru 1408/71<sup>1</sup>, jiġu assigurati mal-INPS għall-perijodu bejn ix-xahar ta' Ġunju 2006 u x-xahar ta' Frar 2010.

L-Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL) qies ukoll li, skont id-dritt Taljan, l-istess impiegati kellhom, għall-perijodu mill-25 ta' Jannar 2008 sal-25 ta' Jannar 2013, jiġu assigurati mal-INAIL għar-riskji marbuta max-xogħol mhux bl-ajru, peress li kienu, skont dan l-organu, marbuta mal-bażi ta' residenza ta' Ryanair li tinsab fl-ajrūport ta' Orio al Serio.

L-INPS u l-INAIL, għalhekk, talbu lil Ryanair il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u ta' premiums ta' assigurazzjoni relatati ma' dawn il-perijodi, fatt li din tal-aħħar ikkонтestat quddiem il-qrati Taljani.

Il-qorti Taljana tal-appell eżaminat iċ-ċertifikati E101, maħruġa mill-istituzzjoni kompetenti Irlandiża, li jiċċertifikaw li l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali Irlandiża kienet applikabbli għall-impiegati msemmija fiha. Madankollu, dawn iċ-ċertifikati ma kinux ikopru I-219-il impiegat tar-Ryanair kollha assenjati lill-ajrūport ta' Orio al Serio matul il-perijodi kollha kkonċernati. Minn dan hija kkonkludiet li, fir-rigward tal-impiegati li għalihom l-eżistenza ta' ġertifikat E101 ma kinitx ipprovata, **kellha tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali applikabbli**. Wara li din il-qorti qieset li l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali Taljana ma kinitx applikabbli, l-INPS u l-INAIL ippreżentaw appell ta' kassazzjoni quddiem il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja).

Din il-qorti għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex isir taf liema għandha tkun, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1408/71 u tar-Regolament Nru 883/2004, il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali applikabbli għall-persunal tat-titjir ta' kumpanija tal-ajru, stabbilita fi Stat Membru, li ma jkunx kopert minn ġertifikati E101 u li jaħdem 45 minuta kuljum f'post maħsub biex jakkomoda ekwipaġġ, imsejjaħ "crew room", li l-imsemmija kumpanija tal-ajru jkollha fit-

<sup>1</sup> Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impiegati u l-familja tagħhom li jiċċaqlu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35), fil-verżjoni tiegħi emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97 tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 631/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 10), li tħassar u għie ssostitwit bir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), liema regolament għie emendat bir-Regolament (KE) Nru 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU 2009, L 284, p. 1) kif ukoll bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 (ĠU 2012, L 149, p. 4).

territorju ta' Stat Membru ieħor li fih jirrisjedi dan l-persunal tat-titjir, u li, għall-kumplament tal-ħinijiet tax-xogħol, jinsab abbord ajruplani ta' din il-kumpanija tal-ajru.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, **il-Qorti tiddeċiedi li l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali applikabbi**, matul il-perjodi kkonċernati, għall-impiegati ta' Ryanair assenjati lill-ajrport ta' Orio al Serio li ma jkunux koperti miċ-ċertifikati E101 hija, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinvju, **il-leġiżlazzjoni Taljana**.

Qabel kollex, f'dak li jikkonċerna l-perjodi rilevanti tar-Regolament Nru 1408/71, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-prinċipju li bih persuna li tagħmel parti mill-persunal tat-titjir ta' kumpannija tal-ajru li twettaq titjiriet internazzjonali u li tkun impiegata minn fergħa jew rappreżentanza permanenti li din il-kumpannija jkollha fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għajnej, kif id-dak li fih ikollha s-sede tagħha, hija suġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħi tħalli tħalli din il-fergħa jew din ir-rappreżentanza permanenti<sup>2</sup>.

L-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni teżiġi li jkunu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri, minn naħa, li l-kumpannija tal-ajru kkonċernata jkollha fergħa jew rappreżentanza permanenti fi Stat Membru differenti minn dak li fih ikollha s-sede tagħha u, min-naħħa l-oħra, li l-persuna inkwistjoni tkun impiegata minn din l-entità.

Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-kunċetti ta' "fergħa" u ta' "rappreżentanza permanenti" għandhom jinftieħmu bħala li jirrigwardaw forma ta' stabbiliment sekondarju li jkollu natura stabbli u kontinwa sabiex tiġi eżerċitata attivitā ekonomika effettiva u li jkollha, għal dan l-għan, mezzi materjali u umani organizzati, kif ukoll ġerta awtonomija meta mqabbel mal-istabbiliment prinċipali. Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li r-relazzjoni tal-impieg tal-persunal tat-titjir ta' kumpannija tal-ajru għandha rabta sinjifikattiva mal-post li fih din il-persuna princiċialment taqdi l-obbligi tagħha fil-konfront tal-persuna li timpjegaha.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-post maħsub biex jakkomoda l-ekwipaġġ ta' Ryanair ("crew room"), li jinsab fl-ajrport ta' Orio al Serio, jikkostitwixxi fergħa jew rappreżentanza permanenti li fiha l-impiegati ta' Ryanair assenjati fl-ajrport ta' Orio al Serio mhux koperti minn ċertifikati E101 kienu impiegati matul il-perjodi kkonċernati, b'tali mod li dawn tal-aħħar kienu, skont ir-Regolament Nru 1408/71, suġġetti għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali Taljana.

Sussegwentement, f'dak li jikkonċerna l-perjodi rilevanti tar-Regolament Nru 883/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar il-prinċipju li l-persuna li normalment teżerċita attivitā bħala persuna impiegata f'żewġ Stati Membri jew iktar għandha tkun suġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza, jekk hija teżerċita l-parti sostanzjali tal-attivitā tagħha f'dan l-Istat Membru<sup>3</sup>.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiżha li, sabiex jiġi ddeterminat jekk parti sostanzjali tal-attivitajiet tkun qed titwettaq fi Stat Membru, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, fil-każ ta' attivitā bħala persuna impiegata, il-ħinijiet tax-xogħol u/jew ir-remunerazzjoni u li dan ma jkunx il-każ jekk inqas minn 25 % ta' dawn il-kriterji jkunu ssodisfatti.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li jekk, matul il-perjodi kkonċernati, l-impiegati ta' Ryanair assenjati fl-ajrport ta' Orio al Serio mhux koperti miċ-ċertifikati E101 wettqu parti sostanzjali tal-attivitā tagħhom fl-Italja, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinvju, il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali Taljana għandha tiġi applikata.

Fl-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, wara l-2012<sup>4</sup>, ir-Regolament Nru 883/2004 jipprovd regola ġdidha li tgħid li l-attivitā ta' membru tal-ekwipaġġ ta' tmexxija jew tal-ekwipaġġ ta' kabina li jipprovd servizzi ta' trasport tal-passiġġieri titqies li hija attivitā mwettqa fl-Istat Membru li fih tħalli il-bażi ta' residenza, li hu l-post magħżul mill-operatur għall-membru tal-ekwipaġġ, fejn dan tal-aħħar

<sup>2</sup> Artikolu 14(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 1408/71.

<sup>3</sup> Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004.

<sup>4</sup> Artikolu 11(5) tar-Regolament Nru 883/2004.

normalment jibda u jtemm il-ħinijiet tas-servizz jew serje ta' ħinijiet ta' servizz jew fejn, f'ċirkustanzi normali, l-operatur ma jkunx meħtieġ li jakkomoda dan il-membru ta' ekwipaġġ.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-post maħsub biex jakkomoda l-ekwipaġġ ta' Ryanair li jinsab fl-ajrūport ta' Orio al Serio jikkostitwixxi bażi ta' residenza b'tali mod li l-impjegati ta' Ryanair li ma jkunux koperti miċ-ċertifikati E101 li jiġu assenjati hemmhekk huma suġġetti, skont ir-Regolament Nru 883/2004, għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali Taljana.

---

**NOTA:** Ir-rinvju għal-deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qratil tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitkolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qratil nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106*